# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 2 u 16 ta’ Lulju 2017 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta’ Awwissu 2017 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 ta’ Settembru 2017 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 17 ta’ Settembru 2017 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ottubru 2017 fil-5.00pm.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3 Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Bestprint - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236


# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 111 Lulju 2017 JITQASSAM BLA ĦLAS




*Patri Juan DeBono ocd jindirizza l-laqgħa tas-7 ta' Mejju 2017 fil-Girgenti*

## IL-WIEĦED U TLETIN ANNIVERSARJU

Għaddew wieħed u tletin sena ta' devozzjoni lejn il-Madonna fil-Girgenti. Minn jaf kemm eluf ta' snin żaru dan il-post - mumenti ta' niket, ta' ferħ, nies li sabu l-konverżjoni, il-faraġ, is-sabar, is-serenità, il-forza li jkomplu bil-ħajja tagħhom. Bħal kull sena il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni fakkar dan l-anniversarju b'laqgħa speċjali li bdiet b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima. Apparti ħafna talb u kant, instema messaġġ qasir b'leħen Ġuża Mifsud u l-laqgħa kienet ukoll indirizzata minn Patri Juan DeBono ocd.

Patri Juan qal hekk, "Kif tafu bħallum ġimgħa f'Malta u mhux biss f'Malta, niċċelebraw jum l-omm. Ħija ġurnata fejn l-ulied kollha juru r-rikonoxximent tagħhom speċjalment lejn l-omm, rikonoxximent għal dak kollu li l-omm tagħmel għal uliedha. L-omm u mhux l-omm biss, anka l-missier, jagħmlu ħafna u ħafna sagrifiċċji u qatt ma joqogħdu jiftaħru b'dak li qegħdin jagħmlu, sempliċiment jaġixxu b'mod mill-aktar naturali lejn uliedhom. Forsi meta l-ulied jikbru ma jibqgħux juru dak ir-rispett, imma kif ngħidu bil-Malti, id-demm qatt ma jsir semm, u l-ġenituri jibqgħu xorta juru l-imħabba lejn uliedhom.

## Nafu li Alla jħobbna

L-ebda ġenitur ma joqgħod jgħid lil uliedu, "għax jien taf kemm inħobbok hu!" Ma hemmx għalfejn il-ġenituri jgħidu kemm iħobbuna, biżżejjed naraw x'jagħmlu magħna. Għaliex qed ngħid dan kollu? Għax Alla l-imbierek l-istess jimxi magħna. Ma joqgħodx jgħidilna, "għax jien inħobbkom," imma mill-mod kif aġixxa, mill-mod kif jaġixxi aħna nafu li jħobbna. Qatt ma jgħidilna direttament imma nafu li Hu jħobbna. U l-akbar ġest tal-imħabba ta' Alla fil-konfront tagħna kien meta bagħat lil Ibnu fid-dinja. Kienet xi ħaġa kbira li Alla jsir wieħed minna, niżel għal-livell tagħna u għalfejn dan? Proprju biex ikun jista' jerġa jiftħilna l-bieb tas-salvazzjoni. Imma mhux biss hekk. Għadda żmien iwasslilna il-messaġġ, l-aħbar it-tajba, li hija l-unika aħbar li verament tajjeb li nisimgħu. Imbagħad fl-aħħar kien hemm min lilu ma laqgħux u spiċċa għadda minn dik il-passjoni u miet fuq is-salib. Kull meta aħna nħarsu lejn is-salib aħna naraw l-imħabba li Alla għandu lejna, meta nħarsu lejn is-salib, sija meta jkun hemm il-kurċifiss u allura tara lil Ġesù msallab fuq is-salib, sija fil-każ ta' hawnhekk, statwa ta' Ġesù b'idejh miftuħa, qed jgħidilna, "Għamilt dak kollu li stajt, għamilt dak kollu li stajt." Hemmhekk naraw l-imħabba ta' Alla fil-konfront tagħna, tiegħi, tiegħek. Anka meta noffenduh, jibqa' juri din l-imħabba li għandu lejna, jibqa' jħobbna.

## Hemm xi ħaġa li mhix taħdem biex tisħet lil Alla

Anka proprju hawnhekk, waħda mit-temi prinċipali hija din tad-dagħa. Jiena nħobb ngħid u nemmen verament li min jasal biex jidgħi għandu bżonn dak il-ħin stess imur għand psikjatra. Għax bilfors li hemm xi ħaġa li mhix taħdem sew biex tasal li tisħet lil dak Alla li minnu niddependu. Mela tajjeb, hawn min jara wirdiena jibża... Mela minn wirdiena tibża' u minn Alla ma nibżgħux? X'tista' tagħmillek qatt wirdiena? Għax Alla ma jpattihielnix meta nitkellmu hekk allura għandna noffenduh? Mhix ċajta ta, qed noffenduh b'ilsienna. Dak l-ilsien, jekk irid Alla jista' dak il-ħin stess iwaqqafna milli nibqgħu nitkellmu. Araw daqsxejn l-imħabba ta' Alla li qegħda tintwera fil-konfront tagħna, imħabba kontinwa.

## Ġesù huwa r-rgħaj it-tajjeb

Illum l-evanġelju huwa magħruf bħala tar-rgħaj it-tajjeb. Ġesù qed



jippreżenta ruħu mhux biss bħala r-rgħaj imma r-rgħaj it-tajjeb. Għaliex jagħżel dan l-annimal, in-ngħaġ? In-nagħġa hija annimal li ma tafx timxi waħidha. Għandha bżonn lil xi ħadd min imexxiha, mhix bħal kelb illi jsib id-dar lura, le, jekk ma jkunx hemm xi ħadd illi jmexxiha tintilef. Ġesù jippreżenta ruħu mhux biss bħala r-rgħaj imma r-rgħaj it-tajjeb, jieħu ħsieb kull waħda min-ngħaġ tiegħu. Għal Alla kull bniedem, anka l-akbar midneb huwa prezzjuż. Jekk Ġesù miet fuq is-salib miet għal kulħadd, anzi l-aktar li ta ħajtu għal min l-aktar li offendih. Ara x'valur għandha l-ħajja tagħna, x'prezz wasal biex iħallas!

Ġesù huwa r-rgħaj li jieħu ħsieb u jindokra lin-ngħaġ, waħda, waħda, għax għalih aħna lkoll prezzjużi. Inħobb nuża' dan l-eżempju biex nifhmu kemm kull wieħed, kull waħda minna huma mportanti. Immaġinaw xi ħadd ikollu ħamsin elf ewro u jmur il-bank biex jiġbidhom. Imur mill-fergħa tas-Saqajja, r-Rabat, u l-kaxxier jagħtihomlu kollha karti tal-għaxar ewro. Mela jagħtih ħamest elef karta tal-għaxar ewro. Imma kif joħroġ barra mill-bank tkun ġurnata riħ u jtajjarhomlu kollha minn idejh. Ma nimmaġinax li jgħid, "u iva min isibhom b'xortih". Imma għax huma prezzjużi għalih, anka jekk ikun mimli altrite u ma jiflaħx jiċċaqlaq, tarah jew taraha titbaxxa sa taħt il-karozzi biex jiġborhom waħda waħda. Imbagħad joqgħod bilqegħda u jibda' jgħodd u wara ħafna idur u jagħqad isib li għandu 49,990 ewro, tkun tonqos waħda biss. Xorta jfittixha. Issa din għal biċċa karta ta' għaxar ewro. Aħna għal Alla prezzjużi aktar minn dik il-karta. Ġesù għal kull wieħed u waħda minna ta ħajtu.

## Ma stajtx nagħmel aktar

Aħna prezzjużi għalih, għalhekk Alla jkompli jagħtina ċ-ċans, jagħtina ż-żmien. Iż-żmien huwa l-akbar rigal li Alla bħalissa qiegħed jagħtina. Iż-żmien huwa l-aktar ħaġa prezzjuża. Issib min jgħidlek, imma jien x'qed nagħmel fid-dinja? Fis-sodda, ma nistax niċċaqlaq, niddependi mill-oħrajn. Alla qed jagħtik iż-żmien. Bħalma inti meta tiġi biex tagħmel kejk ma tiddeċidiex kemm ser tħalli l-kejk fil-forn skont il-prezz tal-gass. Trid tħallih kemm għandek bżonn, la minuta żejda u lanqas minuta nieqsa. U aħna ż-żmien għalhekk qed jagħtihulna Alla l-imbierek. Aħna għalhekk qegħdin hawn, ara hawn xi ħadd li jaħseb li qed inżommu d-dinja timxi fuq ir-rubini aħna stess. Id-dinja mingħajrna mhux biss timxi imma probabbilment tmur aħjar, imma Alla qed jagħtik iż-żmien. Qed jagħtik iż-żmien biex tirrikonoxxi din l-imħabba ta' Alla fil-konfront tagħna. Naraw għalhekk din l-imħabba kbira, anka meta tiġu hawn, taraw lil Ġesù b'idejh miftuħa qed jirrappreżenta din l-idea: ma stajtx nagħmel aktar. Hu għadu magħna permezz tal-Ewkaristija, il-preżenza reali tiegħu, għadu magħna kull darba li aħna nieħdu nifs.

Ħa nagħlaq b'din l-idea, għax ġieli ssib min jgħid, "Lili Alla nsieni." Biex tidgħi m'hemmx għalfejn tgħid il-kelma ħaqq u ssemmi l-isem ta' Alla. Jekk

wieħed jgħid, "lili Alla nsieni" qed jidgħi ukoll, qed jgħid xi ħaġa kontra Alla u xi ħaġa gravi ħafna. Alla nesa lilek? Int qed tiċċajta? Ġesù qalilna lanqas werqa waħda ma taqa' minn siġra mingħajr il-permess ta' Alla. Tieħdux Malta li ma tantx hawn siġar, imma hawn ħafna siġar madwar id-dinja li jwaqqgħu ħafna weraq u kull werqa, kull waħda, biex taqa trid speċifikament tibgħat *email* lil Alla Trinità, tgħidlu nista' naqa'? U l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jridu jiltaqgħu u jiddeċiedu jekk dik il-werqa taqax jew le. Dan qalu Ġesù.

Issa aħna kull kwarta, (mhux jiena naturalment fil-każ tagħkom), kull kwarta nitilfu xagħra jew titla' oħra. Jekk werqa ma taqax minn siġra mingħajr il-permess ta' Alla lanqas xagħra waħda mhi ser taqagħlek mingħajr ma Alla jiddeċiedi li għandha taqagħlek. Imbagħad issib min jgħid għax lili Alla nsieni! Insik sabiħ ukoll!

## Fil-mumenti diffiċli Alla l-aktar li jkun viċin tagħna

Mela Alla jista' jinsa lil xi ħadd minna? Jista' Alla qatt jinsa lil xi ħadd minna? Ħa nagħlaq b'eżempju ċkejken, din ġrat veru imma. Darba kien hemm omm u kellha t-tifel kellu l-ewwel eżami, xi *year two*, ma nafx liema sena. Qaltli, "Ma rqadt xejn dallejl." Għidtilha, "Xi ġralek?" Qaltli għax it-tifel illum għandu l-eżami. It-tifel raqad u lanqas ried iqum imma l-omm għax it-*teacher* ser titolbu biex jikteb l-'a', jiġifieri mhux xi eżami tad-dottorat, jikteb l-'a', xi ħaġa sempliċi, ma raqditx. Omm din tafux, mhux Alla l-imbierek.

Jekk omm ma torqodx għax it-tifel ser ikollu dan l-eżami, kif jista' qatt Alla lilna jinsiena u ma jiftakarx fina kontinwament? Anzi pjuttost li meta nkunu fl-aktar mumenti diffiċli, Alla l-aktar li huwa viċin tagħna. Iva żgur li Alla jħobbna u ma seta' jagħmel xejn aktar, iħobbna u tana lilu nnifsu u għadu jagħti lilu nnifsu u ġurnata qed jistedinna biex niltaqgħu miegħu għal dejjem."

Peress li kellha tinbidel l-istatwa ta' Ġesù jbati minħabba li dik li kien hemm qabel kienet tkabret bl-elementi, l-istatwa l-ġdida maħduma minn Clive Busuttil tbierket dan inhar minn Fr. Juan li qal hekk: "Nitolbuk Mulej biex tbierek din ix-xbieha, agħmel li dawk kollha li jiġu hawnhekk u jħarsu lejk jiftakru f'dik l-imħabba kbira li inti għandek lejna u tistedinna biex aħna nindmu definitavament u nduru lejk għal dejjem. Bi Kristu Sidna. Ammen."

**Sylvana Spiteri LL.D**

## TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen.
*Glorja lill-Missier...*



# IL-ĦOBŻ TAL-ANĠLI SAR ĦOBŻ TAL-BNIEDEM

Fl-4 ta' Ġunju 2017, fil-Girgenti, għal sena oħra reġgħet saret Adorazzjoni Ewkaristika li din id-darba kienet immexxija minn Patri Angelo Mamo. Dawn huma siltiet mill-messaġġ li waslilna, "Il-paċi magħkom. L-ewwel nett nirringrazzjakom li stedintuni llum, l-ewwel darba li ġejt hawnhekk. Qed nistħajjel lil Ġesù meta qal lill-Appostli, "għandi xewqa kbira li niekol din l-ikla magħkom", u llum Ġesù xtaq li jiltaqa' magħna... L-innu *Panis Angelicus* li għadna kemm smajna għandu fuq is-700 sena. Kitbu San Tumas ta' Aquino u jgħid bejn wieħed u ieħor hekk, "il-ħobż tal-anġli sar ħobż tal-bniedem." Qabel, Ġesù kien Alla biss, imma meta sar Alla u bniedem sar hekk biex ikun magħna, ikun l-ikel tagħna. Hekk qal Ġesù qabel miet, "dan hu ġismi, dan hu demmi għal ħajja tagħkom. Min jiekol ġismi, min jixrob demmi jkollu l-ħajja." Fl-antik testment insibu l-manna. Il-manna Ġesù qal li kienet xbiha tal-Ewkaristija. Anka l-ħaruf tal-Għid kien xbieha tal-Ewkaristija. Imma dawn ix-xbiehat issa spiċċaw u issa għandna r-realtà. Ġesù qiegħed hawn eżatt kif kien fil-Palestina biss taħt forma ta' ħobż. Nidħlu f'realtà, Ġesù qiegħed hawn ħaj.



*Patri Angelo Mamo waqt l-għoti tal-barka*

Min-naħa l-oħra għandna l-Madonna. Tgħiduli x'għandha x'taqsam il-Madonna mal-Ewkaristija. Min qal il-kliem, "dan huwa ġismi u dan huwa demmi?" U qabel Ġesù min qalu? Meta l-Madonna tgħidilna, "Dan hu ibni" qed tgħidilna, "dan hu ġismi", hi għamlitu bniedem bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Għalhekk aħna ma nistgħux nifirduhom minn xulxin. Sintendi l-aktar importanti huwa Ġesù, imma ma nistgħux naslu għandu jekk mhux permezz tal-Madonna. Ma nistgħux nieqfu fil-Madonna. Il-Madonna tgħidilna, "agħmlu dak li jgħidilkom Hu."

F'dan ix-xenarju kollu aħna x'qed naraw? Ġesù ċkejken imma Hu l-aktar importanti. Però ma ninsewx li bħallum elfejn sena ilu jew kemm, l-appostli kienu bħalkom, bħalna, miġburin madwar il-Madonna jistennew l-Ispirtu s-Santu. Kienu qegħdin jitolbu. U aħna llum qegħdin bħal Ġerusalem, hawnhekk

Ġerusalem ċkejkna, flok tnax-il appostlu, aħna lkoll qegħdin miġburin, imsejħa minn Alla fil-presenza tal-Madonna u qed nistennew lil Ġesù..."

## Ġesù u l-Madonna qatt ma jħalluna waħedna

Qabel ma ġie rreċitat it-tielet misteru tal-glorja, Patri Mamo qalilna, "Dan il-misteru jfakkarna fil-festa tallum, il-Pentcoste. Dakinhar l-appostli flimkien mal-Madonna kienu miġburin, min-naħa mwerwrin u fl-istess ħin min-naħa l-oħra kienu qed jitolbu għax kienu qed jemmnu dak li qalilhom Ġesù, "oqogħdu itolbu sakemm nibagħtilkom l-Ispirtu s-Santu." L-Appostli daħlu f'dak iċ-ċenaklu imwerwrin bil-biżgħa imma ħarġu minn hemm mibdulin, ifaħħru lil Alla u jgħidu, "dak li intom qtiltu hu l-Iben ta' Alla, qam mill-mewt." Aħna llum qegħdin hawn, ħa mmorru lura d-dar kif dħalna? Ġesù ma hu ħa jbiddel xejn fina? L-Ispirtu s-Santu li qed niċċelebraw illum ma hu ser jibdel xejn fina? Jien dejjem niftakar fi storja fejn kien hemm mara ser taqsam triq perikoluża u lit-tifel qaltlu, "żommli jdejja ħalli ma ttajrekx karozza," u t-tifel qalilha, "ma, aħjar iżżomli jdejja inti għax jekk jien inżommlok idejk nista' naħrablek. Imma jekk inti taqbadli jdejja żgur ma tħallinix naħrab." Nirriflettu ftit, Ġesù u l-Madonna qatt ma jħalluna waħedna imma kultant aħna naħarbulhom, kultant aħna nippretendu li nafu aktar minnhom.

Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu, niftħu qalbna ħalli jidħol bħalma daħal fl-appostli u noħorġu minn hawn infaħħru lill-Mulej. Kif? Jien ma nistax inwassalha ħlief minn fuq l-artal imma intom twassluha fid-dar, mal-familja tagħkom, ma' uliedkom, ma żwieġkom, fil-post tax-xogħol, fit-triq, fis-suq, kull fejn tkunu ppruvaw wasslu l-kelma ta' Alla... nkunu messaġġieri tal-Mulej."

## Ġesù jixtieq li aħna nħobbu lil kulħadd

Aktar tard Patri Angelo kompla hekk, "Aħna llum iltqajna biex niċċelebraw misteru wieħed, l-imħabba ta' Alla. L-imħabba ta' Alla, kif jgħid San Gwann, ma tistax tkun mifruda mill-imħabba tal-proxxmu. Mela kmandament wieħed hemm, ħobb lil Alla u lill-proxxmu. Jiena naħseb li l-messaġġ li jrid iwasslilna Ġesù llum huwa biex inħobbu. Inħobbu mhux għax għandna nteress aħna, imma għax inħobbu lil Ġesù u Ġesù jixtieq li aħna nħobbu lil kulħadd...

Ftit ilu irċivejt messaġġ interessanti ħafna mill-Isqfijiet protestanti tal-Libja. Dawn kitbu ittra lil Isis, dawk li joqtlu n-nies, u qalulhom hekk, "Ħutna, aħna ma naqblux ma dak li qed tagħmlu, toqtlu, imma lilkom inħobbukom u nitolbu għalikom." Dak li qalilna Ġesù biex aħna nħobbu anka lil dawk li jobogħduna, jweġġgħuna. Indaħħlu f'qalbna dan il-messaġġ ta' Kristu.

Biex nagħmlu hekk jien nixtieq li niftakru daqsxejn f'dan l-ambjent li qegħdin fih aħna, ħudu xi ħaġa magħkom. Jien ma nafx Alla xi jrid jgħid lilek, ma nafx. Jien qed ngħidilkom dan li qed jolqot lili. Imma kull wieħed u waħda minnkom Alla jrid iwasslilkom messaġġ.

Jiena jolqotni ħafna is-salib vojt, mhux għax ma nħobbx lil Ġesù msallab.



Iva nħobbu, imma hemm il-periklu li noqogħdu ngħidu kemm għandu demm... Hemmhekk naraw li Ġesù wara li bata dak kollu, qam mill-mewt, u dan hu li lilna għandu jagħtina s-saħħa.

Min-naħa l-oħra għandna lill-Madonna, lil San Ġużepp. Kultant aħna lil San Ġuzepp u l-Madonna nifirduhom. Kienu koppja tant maħbuba, li rabbew lil Ġesù b'tant għożża. Jiena nħobb nitlobhom it-tnejn flimkien, il-familja Mqaddsa. Il-Madonna hija ommna. Alla jħares ma' kinx San Ġużepp mal-Madonna u mal-Bambin. Kieku l-Madonna ħaġġruha, kieku lil Ġesù qatluh meta kien għadu *baby*. Kieku min kien ħa jġibilhom il-ħobż ta' kuljum lill-Madonna u l-Bambin? Ma nistgħux nifirduhom.

## Ġesù li twieled huwa dak li miet

Jiddispjaċini meta aħna lil Ġesù nqattugħ biċċa biċċa. Ftit ilu kulħadd bil-presepji jew bil-Bambin. Imbagħad ħriġna d-Duluri u s-salib u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Imma lil Alla ma nistgħux inqattugħ biċċa biċċa, Alla huwa wieħed, mit-tħabbira tal-anġlu sakemm qam mill-mewt u s'issa għadu magħna, huwa l-istess Ġesù. Ma nafx qattx innotajtu li fil-Milied fil-knejjes inżejnu bil-Bambin imma qatt ma nneħħuh is-salib. Ġesù li twieled huwa dak li miet u dak li miet huwa dak li twieled. Il-Knisja kultant tagħti prominenza li xi misteru jew ieħor, imma Kristu huwa wieħed, l-imħabba hija waħda.

U nispiċċa billi nfakkarkom f'żewġ affarijiet oħra. L-ewwel nett, lil Ġesù nafuh aħna? L-evanġelju naqrawh? U naqraw l-evanġelju mhux biss biex inkunu nafu x'għamel. Jiena dalgħodu bdejt naqra l-vanġelu tal-Pentecoste. Jiena alavolja għandi kważi tmenin sena, imma ngħid kif ħa ninbidel? Jien għandi bżonn ninbidel, insir aħjar. Hemm bżonn li aħna nisimgħu anka lill-Papa, kuljum jagħmel riflessjoni ċkejkna. Anka l-messaġġi li jagħtina nhar ta' Erbgħa, nhar ta' Ħadd, hemm bżonn nisimugħ...

U l-aħħar ħaġa hija, il-ħtieġa tas-silenzju. Il-Papa sikwit jgħidilna żommu s-silenzju, imqar ħames minuti kuljum. Ngħidulu, "Mulej kellimni, dawn il-minuti għalik, kun miegħi". Nista' naqra biċċa mill-vanġelu u noqgħod għal kwiet ħalli l-Mulej b'mod jew ieħor iwassalli l-messaġġ tiegħu. Aħna kollha nafuh lill-Papa. Id-dinja kollha tinżel għarkupptejha quddiemu, tbuslu jdejh u tgħannqu. Imma quddiem l-Ostja l-Papa jneħħi l-berritta u jinżel għarkupptejh għaliex hu jemmen li dak hu Alla, jinżel għarkupptejh u joqgħod fis-skiet.

Issa jiena ħa ninżel hemm isfel, u min irid, jista' jiġi hawn fejn il-Bambin. Noqogħdu fis-skiet, ma hemmx għalfejn ngħidu xejn. Wara jiena ħa mmur quddiem il-Madonna, Omm Ġesù. Lil Ġwanni qallu, "din hi ommok, minn issa 'l quddiem kullma jkollok bżonn mur għand ommi, mur ibki f'ħoġorha, itlobha, għannaqha għax hi tħobbok daqskemm tħobb lili." Nixtieqkom tifhmu din l-għaqda kbira li hemm bejn Ġesù u l-Madonna u bejn l-Madonna u aħna."

**Sylvana Spiteri LL.D**